Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 37**

**Data:** Il-Ħamis, 16 ta' Jannar 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**37.1 Ittri ta' apoloġiji**

37.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, Is-Sur Jesmond Aquilina, is-Sur Sandro Azzopardi, s-Sur Stephen Sultana, u s-Sur Steven Axisa talbu li jkunu skużati.

37.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu bħala skużati.

**37.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 36**

37.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

37.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**37.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 37**

37.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u H.E Clifford Galea Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-19 ta' Diċembru 2024 u s-16 ta' Jannar 2025 li kienet tammonta għal €171,687.65.

**37.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 36**

| | |
|---|---|
| **37.4.1 INDIS** | Il-President semma li dan id-dewmien tal-iffirmar ta' dan il-ftehim impatta wkoll l-għeluq tas-sena finanzjarja għaliex l-accountant ma setax japplika IFRS16 peress li ma kienx hemm kuntratt li jkopri s-sena ta' renta sħiħa mill-INDIS.<br>Il-President semma li jidher li kien hemm xi progress min-naħa tal-INDIS u daqt ser ikun iffirmat il-ftehim. |
| **37.4.2 ALL Digital Summit** | Il-President semma li kienu ġew Malta rappreżentanti mill-ALL Digital biex jaraw il-post li fih kienet ser issir il-konferenza. Semma li l-post magħżul kien tajjeb u għaldaqstant issa l-Assoċjazzjoni flimkien magħhom ser tkompli bil-preparamenti fosthom bil-branding tas-summit. |
| **37.4.3 CEMR – Kungress 2026** | Il-President semma li saret laqgħa ma' CEMR fejn dawn baqgħu jinsistu li l-pajjiż li jospita dan il-Kungress kellu |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jħallas ukoll EUR130,00 fi spejjeż amministrattivi li CEMR tonfoq sabiex ikun jista' jiġi impjegat persuna min-naħa ta' CEMR biex jieħu ħsieb l-aspett amministrattiv ta' dan il-kungress. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ma tistax tħallas spejjeż amministrattivi ta' entitajiet oħrajn.
Għaldaqstant huwa talab li jkun hemm laqgħa oħra ma' CEMR.

**37.4.4 Dokumenti Viżjoni AKL**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tniedi d-dokumenti ta' Last Mile Transportation nhar 10 ta' Marzu 2025 kif ukoll ser tkun qed tiġbor il-linji gwida kollha maħruġa s' issa taħt dokument wieħed.
Il-President semma li l-Perit ingaġġat ser ikompli jikteb id-dokumenti tal-kumplament tal-pilastri tal-viżjoni.

**37.4.5 Ballu tal-Karnival**

Il-President semma li wara diversi laqgħat flimkien ma' H.E Clifford Galea u rappreżentanti tal-venue li fih kien ser isir il-Ballu ġie deċiż li aħjar ma jitkomplewx isiru spejjeż dan peress li jidher li diversi kunsilli ser ikollhom l-attivitajiet tagħhom il-Ġimgħa tal-Karnival u għaldaqstant l-attendenza taf tkun waħda baxxa imma l-Assoċjazzjoni xorta jkollha toħroġ diversi spejjeż biex tkopri l-organizazzjoni u l-ikel. Għaldaqstant il-President ippropona li dan għandu jkun ikkanċellat. Semma li fil-każ ikun hemm qbil l-Assoċjazzjoni ser tkun qed titlef EUR2000 li tħalsu f' depożiti. Fuq proposta tal-President u bi qbil unanimu iddeċidew li din l-attivita' tkun ikkanċellata.
Kien hemm ukoll diskussjoni li l-Kunsilli għandhom jibdew iħalsu għal attivitajiet u taħriġ organizzat mill-Assoċjazzjoni.

**37.4.6 Green at You**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għaddejja bl-implimentazzjoni tal-proġett Green at You li qed isir ma' partners Spanjoli u Serbi bl-involviment tal-ALL Digital Network. Il-President semma li kien hemm laqgħa mar-rappreżentanti li qed jieħdu ħsieb il-proġett peress li qed ikun hemm diffikultajiet sabiex insibu parteċipanti biex japplikaw għal dan il-programm ta' taħriġ.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **37.4.7 Postijiet Vakanti - AKL** | Il-President semma li jidher li fl-aħħar hemm żblokk u d-Diviżjoni ser tkun qed toħroġ il-permess neċessarju sabiex jerġa' jinfetaħ il-post vakant fi skala 7.<br>Il-post vakant fi skala 11 ma applika ħadd u ser ikun qed jerġa' joħroġ għall-pubbliku.<br>Il-post vakant fi skala 13 saru l-intervisti imma l-applikanta li ntgħażlet m' aċċetattx il-post. |
| **37.4.8 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li ser isir l-iffirmar nhar 23 ta' Jannar 2025. |
| **37.4.9 Apprentistati** | Il-President semma li għadejjin b' komunikazzjoni mal-MCAST u b' diversi intervisti sabiex ikun hemm ingaġġati apprentistati ġodda. |
| **37.4.10 Tribunal Lokali** | Il-President semma li komplew id-diskussjonijiet mal-LESA sabiex jitħalsu l-ispejjeż dovuti lir-Reġjuni għas-spejjeż li saru matul is-sena 2023 filwaqt li jitħalsu wkoll dak tas-sena 2024 u jibdew il-preparamenti għal-ftehim tas-sena 2025.<br>Il-President semma wkoll li huwa jistenna li jkun hemm direzzjoni fuq dawn it-tribunali. |
| **37.4.11 Coppem** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kkonfermat li ser terġa' tkun attiva f' dan in-network u kkonfermat l-ismijiet tal-President u s-Segretarju Eżekuttiv bħala Membri dan wara li talbu li jkun hemm aġġornament ta' dan. |
| **37.4.12 Taħriġ ta' book Keeping u Sage** | Il-President semma li aġġornament tar-reġistrazzjoni għal dan it-taħriġ ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.<br>Semma li l-Assoċjazzjoni ser toħroġ il-massimu ta' 10% tal-ispiża għal kull parteċipant. |
| **37.4.13 ELDW** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet applikat sabiex terġa tieħu t-titlu għal European Local Democracy week. Semma li din id-arba mhux ser ikun jista' jattendi Strażburgu peress li ser ikun hemm laqgħat għaddejjin ġewwa Brussell. |
| **37.4.14 AUC – Summer Camp** | Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-AUC Ukraine sabiex jerġa' jkun organizzat is-Summer Camp. Semma li kien propost ukoll li jsir ftehim bejn l-AKL u l-AUC. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Kien hemm qbil li summer camp għandu jerġa' jinżamm għas-sena 2025 imma għandu jsir lejn April minħabba s-sħana.
Fuq proposta tal-President kien hemm qbil li dan għandu jsir u l-Assoċjazzjoni tiffirma ftehim ta' kooperazzjoni mal-AUC.

**37.4.15 Mental First Aid**

Il-President semma li għal darb oħra l-Assoċjazzjoni qed terġa' torganizza l-Mental First Aid akkreditat għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Semma li dan ser isir fuq jumejn.

**37.4.14 Collection Points**

Il-President semma li tkomplew id-diskussjonijiet mal-Kunsilli/ Reġjuni interessati. Semma li ser issir laqgħa mal-GreenPak u Green MT f' dan ir-rigward kif ukoll laqgħa oħra mal-kolletturi tal-iskart.
Semma li d-dokument ta' tender huwa lest kemm ikun hemm emendi fil-BOQ.

**37.5 Komunikazzjoni mill-President**

**37.5.1 Rillu Merillu**

Il-President semma li kien hemm rikjesta mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid biex nasisstu b' xi merchandise bħala token għat-tfal li ħadu sehem fl-inizjattiva tal-Milied organizzata mill-Kunsill b' kollaborazzjoni tal-iskola Primarja.

**37.5.2 Kontijiet bankarji Kunsilli Lokali**

Il-President semma li nġieb għall-attenzjoni tal-Assoċjazzjoni li hemm diversi kunsilli fejn il-kontijiet bankarji mhumiex qegħdin kif rikjesti mil-liġi. Dan ifisser li hemm kunsilli li qed jgħaddu l-pagamenti b' firma waħda għax m'hemmx struzzjonijiet mill-bank li l-firmatarji ta' kull pagament għandhom ikunu tnejn iġifieri s-Sindku flimkien mas-Segreatrju Eżekuttiv.
Il-President semma li huwa ser ikun qed iqajjem dan is-suġġett kemm mad-Diviżjoni kif ukoll mal-Uffiċju tal-Awditur
Ġenerali.

**37.5.3 Konsultazzjoni Pubblika – Imigrazzjoni**

Il-President semma li bħala Assoċjazzjoni ser tkun qed tressaq il-proposti għal din il-konsultazzjoni speċjalment fejn jidħlu l-impjiegi relatati mal-ġbir ta' skart u knis. Il-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

President semma li huwa ser ikun qed jgħaddi kopja tal-proposti qabel jikkomunikahom mal-Ministru kkonċernat.

**37.5.4 Internal Investigation Unit**

Il-President semma li huwa flimkien mad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali kien irċieva komunikazzjoni sabiex jattendi għal-laqgħa mad-Dipartiment ta' Investigazzjonijiet peress li kien daħal rapport mill-Green Skips li r-Reġjuni qed iħalsu għall-ġbir ta' skart kummerċjali.

**37.5.5 Attivitajiet AKL**

Il-President semma li wasal iż-żmien fejn l-Assoċjazzjoni terġa' tibda titlob ħlasijiet għall-attivitajiet organizzati mill-Assoċjazzjoni fosthom laqgħat tas-Sindki u dawk Plenarji. Semma li diversi laqgħat ser jibdew isiru fis-sala tal-Assoċjazzjoni.

**37.5.6 Policy Committee - CEMR**

Il-President semma li li kienu qed jikkomunikaw fuq il-Policy Committee Members ma' CEMR.

**37.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2024**

37.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**37.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-Sena 2024.**

37.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President spjegaw ir-rapport filwaqt li nqara l-overview li kien preżentat mar-rapport tal-aħħar tas-sena finanzjarja. Il-President spjega li fl-aħħar kwart tas-sena saru diversi attivitajiet fosthom l-Expo kif ukoll il-Laqgħa tas-Sindki li peress li ħadu format ġdid ħafna mill-ispejjeż tagħhom kienu saru għall-ewwel darba. Għaldaqstant issa hemm il-costings maħdumin fl-eventwalita' li dawn l-attivitajiet jerġgħu jsiru fuq din l-iskala.

37.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

37.7.3 Il-President għal darb' oħra rringrazzja lill-ħaddiema u lill-accountant tal-Assoċjazzjoni li dawn ir-rapporti kienu magħluqa fi żmien qasir u li fi ftit jiem l-Assoċjazzjoni ser tkun diġa qed tibda l-awditjar.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**37.8 Aġġornament**

37.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 27 ta' Frar 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**